**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**
**Onor. Imħallef David Scicluna**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 30 ta' Novembru 2017**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 7/2014**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**...** ***omissis*** **...**
**Silvio Apap**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra *omissis* u kontra l-akkużat Silvio Apap, detentur tal-karta ta' identita` Maltija bin-numru 468976M, akkużati talli f'dawn il-Gżejjer, f'Ġunju 2014:

(1) assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħu jew jittraffikaw f'dawn il-Gżejjer, mediċina (Cannabis Resin), bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-

Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromovew, ikkostitwixxew, organiżżaw, jew iffinanzjaw tali assoċjazzjoni;

(2) importaw, jew ġiegħlu li tiġi importata jew għamlu xi ħaġa sabiex tiġi mportata mediċina perikoluża (Cannabis Resin) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjoniiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) kellhom fil-pussess tagħhom ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħhom.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lilhom jew ikunu jmissu lill-akkużati jew huma proprjeta` tagħhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużati milli jittrasferixxu jew xort'oħra jiddisponu minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat il-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tad-9 ta' Ġunju, 2014 fejn l-akkużati *omissis* u Silvio Apap ammettew l-akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom u kkonfermaw tali ammissjoni anke meta l-Qorti akkordatilhom żmien biex jikkunsidraw din l-ammissjoni;

**3.** Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Lulju, 2014 fejn iddikjara li ai termini tal-*proviso* għall-artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta, illi l-imputazzjonijiet kif addebitati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li għalihom l-imputati rreġistraw l-ammissjoni fuq imsemmija, għandhom jitqiesu bħala Att ta' Akkuża għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

**4.** Rat ir-rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat *omissis*, preżentat fir-reġistru tal-Qorti Kriminali fis-6 ta' Marzu, 2015 fejn ai termini tal-artikolu 392B(5) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iddikjaraw li qegħdin jaqblu li l-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-akkużat *omissis* minn dik il-Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' sittax (16) il-sena flimkien ma' multa ta' erbgħin elf ewro (€40,000) u dan oltre kwalsiasi

sanzjoni u/jew konsegwenza oħra tassativa għad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u proprjeta` mobbli jew immobbli appartentenenti lill-istess akkużat;

**5.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-18 ta' Marzu 2015 li permezz tagħha dik il-Qorti, in vista tal-ammissjoni reġistrata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fid-9 ta' Ġunju, 2014, iddikjarat lil Silvio Apap u *omissis* ħatja talli f'dawn il-Gżejjer, f'Ġunju, 2014:

(1) assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħu jew jittraffikaw f'dawn il-Gżejjer, mediċina (Cannabis Resin), bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromovew, ikkostitwixxew, organiżżaw, jew iffinanzjaw tali assoċjazzjoni;

(2) importaw, jew ġiegħlu li tiġi importata jew għamlu xi ħaġa sabiex tiġi mportata mediċina perikoluża (Cannabis Resin) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjoniiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) kellhom fil-pussess tagħhom ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħhom.

**6.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 8(d), 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22(2)(a)(ii) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, ir-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/39) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali; rat il-*pre-sentencing reports* li saru fil-konfront taż-żewġ akkużati; semgħet it-trattazzjoni tad-difiża u l-prosekuzzjoni rigward il-piena li għandha tingħata lil Silvio Apap u fil-każ ta' *omissis* aderixxiet għat-talba konġuntiva magħmula skond l-artikolu 392B(5) tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħatja *omissis* u Silvio Apap għal piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' sittax (16) il-sena kull wieħed flimkien ma' multa ta' erbgħin elf ewro (€40,000) kull wieħed li jekk ma titħallasx puntwalment tiġi konvertita f'terminu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija kull wieħed, kif ukoll ikkundannathom iħallasu s-somma ta' mija u wieħed u għoxrin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€121.81) kull wieħed, rappreżentanti l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom

sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli oħra tal-ħatja. Inoltre jekk l-ispejjeż tal-perizja ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-liġi. Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota, li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza appellata, li d-droga esebita hija meħtieġa għal konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali oħra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jigu distrutti a kura tal-Ispiżjar Mario Mifsud taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti Kriminali li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni u jġibu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appożita b'kopja li għandha tiġi innotifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħatja. U dan wara li l-ewwel Qorti kkunsidrat is-segwenti:

> **"Ghar-rigward ta' Silvio Apap, fit-trattazzjoni taghha id-difiza argumentat illi l-Qorti ma ghandhiex biss thares lejn l-ammont tad-droga li kienet qed tigi traffikata izda ghandha wkoll thares lejn il-purita` taghha. Argumentat ukoll li l-hati ghandu fedina penali nadifa u li kif stqarr hu stess fl-ahhar twegiba li ta fl-istatement irrealizza li ghamel zball.**
>
> **"Rat il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti fejn jidħol assoċjazzjoni u traffikar tad-droga cannabis f'ammonti konsiderevoli, senjatament 'Ir-Repubblika vs. Joseph Zerafa' deċiża fit-28 ta' Jannar, 2010 kif ukoll 'Ir-Repubblika ta' Malta vs John Bartolo' deċiża fil-15 ta' Lulju, 2004.**
>
> **"Rat ukoll illi il-purita` ta' 9.5% huwa livell 'normali' fejn tidħol id-droga cannabis.**
>
> **"Rat ukoll is-sentenza tagħha tal-4 ta' Marzu, 2015 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Darren Aquilina' fejn il-Qorti stabbiliet illi gialadarba kien [hemm] ftehim bejn iż-żewġ akkużati u l-involviment tagħhom kien simili, għall-fini tal-assoċjazzjoni dan ir-reat jissussisti u għaldaqstant dawn għandhom jiġu trattati bl-istess mod.**
>
> **"Rat il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tagħmel ammissjoni bikrija senjatament "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il-BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit)".**

**7.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Silvio Apap ppreżentat fl-10 ta' April 2015 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza msemmija billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati ta' l-akkużi miġjuba kontrieh u tirrevokaha f'dik il-parti tal-piena u minflok teroga piena iktar miti u idonea għaċ-ċirkostanzi tal-każ; rat l-atti l-oħra tal-kawża; rat il-verbal fis-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2017 fejn l-Avukat Dottor Joe Giglio għall-appellant iddikjara illi

l-appell kien limitat għall-piena u li s-sottomissjonijiet tiegħu fir-rigward ġa` saru fir-rikors ta' appell, u fejn l-Avukat Dottor Elaine Mercieca għall-Avukat Ġenerali stqarret li l-unika dikjarazzjoni ulterjuri li xtaqet tagħmel wara r-risposta tagħha ta' l-appell hija fis-sens li tenfasiżża l-ħtieġa li dawn il-proċeduri ma jitwalux inutilment; ikkunsidrat:

**8.** Kif ingħad, l-aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena. Huwa jagħmel is-segwenti sottomissjonijiet fir-rikors ta' appell:

> "... filwaqt li l-esponent huwa konsapevoli tal-fatt li fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hernm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi; u filwaqt ukoll li dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha; l-esponent ihoss li f'dan il-kaz, din il-piena hi wahda eccessiva fic-cirkostanzi u ghalhekk qed jappella mis-sentenza tal-Qorti Kriminali u dan ghas-segwenti ragunijiet:
>
> "Illi filwaqt li l-ewwel Qorti wara li:
>
> "*'Rat il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti fejn jidħol assoċjazzjoni u traffikar tad-droga cannabis f'ammonti konsiderevoli, senjatament 'Ir-Repubblika vs. Joseph Zerafa' deċiża fit-28 ta' Jannar, 2010 kif ukoll 'Ir-Repubblika ta' Malta vs John Bartolo' deċiża fil-15 ta' Lulju, 2004.*
>
> "*'Rat ukoll illi il-purita` ta' 9.5% huwa livell 'normali' fejn tidħol id-droga cannabis.*
>
> "*'Rat ukoll is-sentenza tagħha tal-4 ta' Marzu, 2015 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Darren Aquilina' fejn il-Qorti stabbiliet illi gialadarba kien [hemm] ftehim bejn iż-żewġ akkużati u l-involviment tagħhom kien simili, għall-fini tal-assoċjazzjoni dan ir-reat jissussisti u għaldaqstant dawn għandhom jiġu trattati bl-istess mod.*
>
> "*'Rat il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tagħmel ammissjoni bikrija senjatament "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il-BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit)".'*
>
> hasset illi in vista ta' dan kollu, ghandha tasal ghall-kundanna identika fil-konfront ta' *omissis*[1] u l-esponent.

[1] Il-Qorti hasset li fil-kaz ta' *omissis* ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 392B(5) tal-Kodici Kriminali

"L-istess esponent umilment ihoss illi ma jistax jaqbel ma' din il-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti, partikolarment meta jara illi fejn jidhlu l-elementi ta' (1) assocjazzjoni flimkien ma' (2) 1-ammont kif ukoll (3) purita`, il-Qrati taghna qed jibqghu jsegwu l-bran tal-BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE fl-edizzjoni tieghu tal-2001, meta jirrizulta ampjament li dan il-bran huwa ormai haga tal-passat u gie superat b'idejat ohra.

"Illi ghalhekk, filwaqt li huwa veru li l-izviluppi fl-lngilterra ma humiex awtomatikament applikabbli f'Malta, daqstant iehor pero` jekk l-Qrati taghna ser ikomplu jistriehu fuq kif kienet l-posizzjoni fl-Ingilterra jehtieg ukoll jindirizzaw l-izviluppi li saru b'dik il-posizzjoni.'

"Illi f'dan il-kuntest issir referenza ghal dak illi jemani mid-Drug Offences Definitive Guideline tas-'Sentencing Council' Ingliz (Crown copyright 2012) fejn (vide pagna 4 ta' dawn il-linji gwida fil-kopja annessa) primarjament ssir referenza ghall involviment (role) u sussegwentement ghall-hsara generata (quantity) mill-akkuzat.

"Illi f'dan il-kuntest ukoll qed jigi sottomess ukoll il-fatt li filwaqt li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghal fatt li l-esponent *'fl-ahhar twegiba li ta fl-istatement irrealizza li ghamel zball'* naqset milli tikkummenta u ghaldaqstant jidher car u manifest illi naqset milli tiehu konjizzjoni ta' l-ahhar twegiba li ta l-ko-akkuzat Keith Barbara, fejn dan minn naha tieghu irriafferma illi *'id-droga li sibtu fuq il-lanca veru li dahhaltha jien pero` mhijiex tieghi'*. Id-differenza fir-rwoli l-esponent jissottometti bir-rispett kellha tittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' komputazzjoni ta' piena.

"Illi l-ewwel Qorti ma kkummentatx l-anqas fuq il-fatt li l-esponent tramite l-konsulenti legali tieghu, kien ilu sa minn seba' xhur fi trattativi mal-Avukat Generali, sabiex jasal f'forma ta pattegjament.

"Illi d-difiza ghadha sbalordita bir-rikors intavolat minn naha tal-Avukat Generali li legalment u fattwalment ma kien jaghmel ebda sens stante li l-esponent kien diga` rregistra ammissjoni kif ukoll kien qed jkun mizmum fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin wara li minn jeddu ma kienx talab ghall-helsien mill-arrest.[2]

"Illi hawnhekk qed jigi sottomess bl-akbar rispett u serjeta` li mhux biss il-Qorti ma kellhiex tinjora t-talba tal-Avukat Generali, izda kellha twissi lill-Avukat Generali li dan ir-raffrettament minn naha tieghu kien ser jwassal ghal mankanza ta' esplorar fl-intier li seta' finalment jreggi ghall-eventwali pattegjament. Minn dan ma sar xejn.

"Illi huwa altament ingust li minhabba li 1-Avukat Generali deherlu li jagixxi bil-mod kif agixxa jigi attribwit lill-esponent l-istess kejl fil-piena eventwalment erogata. Dana l-istat ta' fatt jehtieg li dawn il-Qrati jiehdu konjizzjoni taghhom u mhux bl-invers d-difiza tigi sahansitra censurata li ma gietx preparata sabiex tittratta bil-konsegwenza li dan jigi rifless fil-piena eventwalment erogata.

[2] Vide fol 4 tal-process.

"Illi tabilhaqq fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tieghu, l-Avukat Generali cahhad lill-esponent mill-possibilta` li, permezz tad-deposizzjoni ta' Keith Barbara jkun f'posizzjoni juri l-entita` tal-involviment tieghu.

"Illi ghar-rigward tar-relazzjoni tal-Espert Forensiku, ix-Xjenzat Godwin Sammut filwaqt li f'pagna 2 minn 5 tar-rapport, taht it titolu 1:0 NOMINA l-istess Godwin Sammut jghid illi huwa *'nhatar bhala Espert Forensiku sabiex jezamina u jirrrelata dwar 7 dokumenti'*, taht it-titolu 2.0 KONTINWITA` T'EVIDENZA l-istess espert jerga' jtenni illi *'gie moghti 7 dokumenti minghand PC 910 S. Pace'* u ssir referenza ghall-Appendici 1. Meta wiehed jikkonsulta ma din l-Appendici 1 kif indikata, wiehed isib illi filwaqt li fil-Laboratory Form 1 ma hemm l-ebda referenza ghall-kwantita` deskritta ossia dik ta' seba' (7) dokumenti kif indikat; allaccjat ma din l-Appendici 1 wiehed isib annessi sbatax-il (17) rizultat illi minnhom infushom certament jaghtu lok ghal spjegazzjoni ulterjuri minn naha ta' min ikkonduca t-tali ezamijiet u dana partikolarment meta taht it-titolu 4.0 RIZULTATI li jinsab f'pagna 4 minn 5 tar-rapport huma biss (7) minn dawn l-ezamijiet illi effettivament jissemmew.

"Illi ghar-rigward ta' dokument indikat b'kodici tal-laboratorju numru 177_14_05 b'deskrizzjoni L00160129 (li fih '**blokok ta' lewn kannella'**, b'piz ta' **'4,952g'**) jkun ferm propens illi wiehed jistabbilixxi, partikolarment tenut kont l-ammont indikat, ir-raguni l-ghala dan id-dokument igorr deskrizzjoni numerika distintivament diversa meta mqabbel ma deskrizzjonijiet ohrajn li gew moghtija lil Espert minn naha tal-Pulizija senjalatament L00289673, L00289674, L00289675 u L00289676 li wkoll incidentalment irrizulta illi lkoll jikkontjenu fihom **'blokok ta' lewn kannella'**.

"Illi fil-kuntest tas-suespost huwa bil-wisq importanti illi jerga' jigi registrat ghal darba ohra l-punt rigward l-ghagla manifestata minn naha tal-Avukat Generali sabiex igib il-quddiem, is-smiegh ta din il-kawza u fejn sahansitra kien huwa stess illi enfasizza illi Qorti *'tisma' lill-Ispizjar dwar il-quantum preciz tad-droga'*, haga li l-ewwel Qorti skartat milli taghmel.

"Illi filwaqt li l-esponent huwa konsapevoli tal-fatt illi *'In-nuqqas tal-formalitajiet preskritti mil-ligi meta jittiehed kampjun ta' oggett ... biex jigi analizzat mid-dipartiment Mediku u tas-Sahha ... ma jwassalx, per se, ghall-inamissibilita` tal-prova ... jista' jkollu l-importanza tieghu fil-valutazzjoni tal-istess prova u fuq il-fatt in kwistjoni. Din l-importanza, mbghad, tkun tiddependi mhux minn semplici possibilitajiet astratti, imma mic-cirkustanzi konkreti ta' kull kaz, u proporzjonatament ghall-grad tad-difett u ghall-pregudizzju defensjonali li fil-fatt ikun ikkaguna lill-irnputat.* ***B'dan kollu, kull ezekutur tal-ligi ghandu dover strettissimu li josservaha f'kull virgola taghha, u ma jistax jarbitra kif jidhirlu'***.[3]"

**9.** Stante li dan huwa appell mill-piena wara ammissjoni, tajjeb illi jiġi ribadit illi fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun

[3] Qorti tal-Appell Kriminali 14.08.1957 Imhallef Joseph Flores Pulizija vs Emmanuele Aquilina Vol. 41F (1957) Part No. 4, Section, Page 1444.

hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali, pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. Barra minn hekk, ammissjoni bikrija, bħal fil-każ preżenti, mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament twassal għal riduzzjoni fil-piena.

**10.** Issa, fil-każ in eżami m'hemmx dubju li l-piena nflitta taqa' fil-parametri tal-liġi. Difatti l-piena massima għar-reati li tagħhom instab ħati l-appellant hi dik ta' priġunerija għall-għomor.[4] Imbagħad, skont il-*proviso* ta' l-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta l-qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-età tal-ħati, il-kondotta ta' qabel tal-ħati, il-kwantità tal-mediċina u x-xorta u l-kwantità tat-tagħmir jew materjali, jekk ikun il-każ, involuti fir-reat u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reat, il-piena ta' priġunerija għall-għomor ma tkunx dik xierqa, il-piena hi dik ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67). Jiġifieri anke f'tali każ il-piena nflitta taqa' fil-parametri tal-liġi.

**11.** L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti rreferiet għal bran f'Blackstone's Criminal Practice tas-sena 2001 meta dak il-bran ġie superat b'idejat ġodda. Bħal ma jgħid l-appellant stess, l-iżviluppi fl-Ingilterra mhumiex awtomatikament applikabbli f'Malta. Ċertament ma jistax jingħad illi m'għadux *"good law"* li, nonostante ammissjoni bikrija, kwalunkwe *"discount"* fil-piena jista' jintilef jew jonqos *"where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain"*[5], jew *"inevitable"*[6]. Fil-każ in eżami ġara proprju hekk, jiġifieri l-appellant u l-ko-akkużat inqabdu *"red-handed"*. Naturalment dan ma jfissirx illi ma jittiħdux in konsiderazzjoni fatturi oħra fil-konsiderazzjoni tal-piena, fosthom ir-rwol tal-ħati u l-kwantita` tad-droga involuta.

**12.** Kwantu għar-rwol partikolari ta' l-appellant f'dan il-każ, jingħad illi huwa talab biex ikun awtorizzat jipproduċi bħala xhud lill-ko-akkużat li ma appellax

[4] Artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] *Costen* (1989) 11 Cr App R (S) 182.
[6] *Landy* (1995) 16 Cr App R (S) 908; *Scarley* [2001] 1 Cr App R (S) 86.

mis-sentenza li ngħatat fil-konfront tiegħu. Din il-Qorti ma laqgħetx dik it-talba wara li qieset li "in vista ta' l-ammissjoni inkondizzjonata tar-rikorrent (allura akkużat) u x-xorta ta' domandi li jrid li jsiru lix-xhud u li jinċidu fuq ir-responsabbilta` tar-rikorrent meta din diġa` ġiet ammessa minnu".[7] Difatti, bin-natura ta' domandi li ried jagħmel l-appellant lill-imsemmi ko-akkużat[8], l-appellant ried jiftaħ beraħ il-mertu ta' din il-kawża meta huwa kien ammetta l-akkużi kollha, saħansitra dik ta' assoċjazzjoni.

**13.** Issa, fl-istqarrija li l-appellant għamel lill-Pulizija wara li rrifjuta assistenza legali, kull ma qal rigward id-droga in kwistjoni huwa li qatt ma għamel din il-biċċa xogħol qabel, li jimmaġina li kien ser jitħallas iżda kemm ma kienx jaf, li veru li d-droga kienet fil-pussess tiegħu imma ma kinitx għalih, li kien jaf li d-droga kienet ħaxixa u li rrealiżża xi żball għamel "imma l-arloġġ ma jmurx lura". Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn il-punti flimkien mal-mod kif kien evażiv dwar dettalji oħra – bħal minn fejn ġie l-*picnic cooler* li fih kien hemm id-droga – juru *guilty knowledge* da parti ta' l-appellant. Meta ġie intervistat mill-uffiċjal tal-*probation* Joseph Mizzi li rrediġa *pre-sentencing investigation report* fir-rigward ta' l-appellant, jidher li huwa qal lill-imsemmi uffiċjal li għażel li ma jweġibx għal domandi li sarulu sabiex jipproteġi lill-familja tiegħu. Jekk dan huwa minnu huwa dubjuż jew almenu ma tantx kien ta' importanza għall-appellant peress li lanqas aċċenn wieħed ma hemm fir-rikors ta' appell tiegħu għal dan il-punt. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti tqis li r-rwol ta' l-appellant ma kienx minimu kemm huwa jippretendi.

**14.** Kwantu għar-raffrettar da parti ta' l-Avukat Ġenerali li ppreżenta rikors quddiem l-ewwel Qorti sabiex il-kawża tiġi rikjamata għax ma kienx intlaħaq ftehim ta' *sentence bargaining*, din il-Qorti tosserva illi mill-atti jirriżulta li l-appellant u l-ko-akkużat l-ieħor ammettew fid-9 ta' Ġunju 2014 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja; li l-każ ġie appuntat quddiem il-Qorti Kriminali għall-10 ta' Lulju 2014; li fis-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2015 il-Qorti Kriminali ġiet infurmata li kien intlaħaq ftehim fir-rigward tal-ko-akkużat iżda mhux fir-rigward ta' l-appellant peress illi d-difensur tiegħu (l-Avukat Dottor Mario Spiteri) iddikjara li kien qiegħed jistenna xi informazzjoni biex ikun jista' jagħti parir lill-klijent tiegħu; u li fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015 l-istess difensur għamel referenza għall-verbal preċedenti u talab aktar żmien biex jippatteġġja ma' l-Avukat Ġenerali. Il-kawża ġiet differita għall-15 ta' April 2015 iżda fis-6 ta' Marzu 2015 l-Avukat Ġenerali ppreżenta r-rikors imsemmi b'urġenza fejn, *inter alia,* qal li mid-data ta' l-aħħar differiment id-difensur ta' l-appellant ma kien għamel ebda kuntatt miegħu dwar dan il-każ u li l-fatt li kienu għaddew disa' xhur mill-ammissjoni jużurpa r-*raison d'etre* ta' l-artikolu 392B tal-Kodiċi Kriminali li huwa ntiż sabiex f'każ ta'

[7] Digriet ta' din il-Qorti ta' l-20 ta' Ottubru 2017.
[8] Ara nota tas-27 ta' Frar 2017.

ammissjoni, bħal fil-każ odjern, il-ħati jiġi sentenzjat b'mod spedit. Il-Qorti Kriminali fil-fatt laqgħet it-talba ta' l-Avukat Ġenerali u rrikjamat il-kawża għad-9 ta' Marzu 2015. Dakinhar id-difensur ta' l-appellant talab differiment bhiex jittratta dwar il-piena, liema talba ġiet miċħuda. Saret trattazzjoni u l-kawża ġiet differita għat-18 ta' Marzu 2015 għas-sentenza meta fil-fatt ingħatat is-sentenza.

**15.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalkemm *on the face of it* jidher li l-affarijiet ġew aċċellerati fl-aħħar stadju tal-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, ma jistax ma jiġix osservat li perijodu ta' disa' xhur għandu jkun aktar milli suffiċjenti biex isir patteġġjament. Kif tajjeb josserva l-Avukat Ġenerali, ir-*raison d'etre* ta' l-artikolu 392B hu sabiex kawża tiġi terminata bi speditezza. Ma tara xejn barra minn loku li l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tad-difensur għal differiment biex jittratta dwar il-piena. Fid-digriet li tat l-ewwel Qorti meta laqgħet it-talba ta' l-Avukat Ġenerali għar-rikjam tal-kawża, hija rrikjamat il-kawża "għas-smiegħ u trattazzjoni", u l-appellant ġie debitament notifikat bir-rikors u digriet.

**16.** Kwantu għar-rapport ta' l-espert forensiku Godwin Sammut, din il-Qorti tosserva illi, kuntrarjament għal dak li jgħid l-appellant li fl-Appendiċi I "fil-Laboratory Form 1 ma hemm l-ebda referenza għall-kwantita` deskritta ossia dik ta' seba' (7) dokumenti", proprju fuq il-Laboratory Form 1 *a retro* hemm id-deskrizzjoni tas-seba' dokumenti li ġew konsenjati lill-imsemmi espert forensiku minn P.C. 910 S. Pace. Kwantu mbagħad għad-diversi analiżi annessi mar-rapport, bħalma jgħid l-espert forensiku fir-rapport tiegħu, dawn huma r-riżultati ta' eżamijiet li saru fuq estratti meħuda mill-blokok u mis-sustanzi ta' lewn kannella fid-dokumenti li ngħataw il-Kodiċi ta' Laboratorju 177_14_01 sa 177_14_06 kif ukoll fuq *swab* meħud minn fuq il-*crusher* fid-dokument 177_14_07. Jgħid ukoll li ma' dawn l-analiżi saru l-kontrolli pertinenti. Għalkemm ir-rapport ma jgħidx kemm-il estratt ittieħed minn kull dokument – u jkun tajjeb li f'tali rapporti l-espert forensiku jindika preċiżament kemm-il estratt ikun ħa minn kull dokument – huwa evidenti illi, peress illi kien hemm diversi blokok f'kull dokument, ma tteħdux biss seba' estratti iżda aktar. Difatti mid-deskrizzjoni tas-"Sample Name" fuq kull analiżi jirriżulta li hemm ħmistax li huma deskritti bħala "sustanza kannella" imbagħad bin-numru rispettiv "01" sa "15" – jiġifieri ttieħdu ħmistax-il estratt mid-dokumenti bil-Kodiċi tal-Laboratorju 177_14_01, 177_14_02, 177_14_03, 177_14_05 u 177_14_06. Hemm imbagħad analiżi bis-"Sample Name" deskritt bħala "*crusher*"; jiġifieri dan huwa l-analiżi dwar is-*sample* meħud mid-dokument bil-Kodiċi tal-Laboratorju 177_14_07. Finalment hemm analiżi bis-"Sample Name" deskritt bħala "sustanzi"; jiġifieri dan jirrigwarda l-estratt meħud mid-dokument bil-Kodiċi tal-Laboratorju 177_14_04.

**17.** Għal dak li jirrigwarda l-enumerazzjoni tad-dokumenti, l-appellant jidher li juri ċertu tħassib għax wieħed mid-dokumenti li ġie mogħti l-espert forensiku u li jikkontjeni blokok ta' lewn kannella, ġie mogħti numru progressiv differenti minn P.C. 910 S. Pace minn dokumenti oħra wkoll kontenenti blokok ta' lewn kannella. Difatti filwaqt illi erbgħa minn dawn id-dokumenti ngħataw in-numri L00289673, L00289674, L00289675 u L00289676 minn P.C. 910, dak li ngħata l-Kodiċi tal-Laboratorju numru 177_14_05 iġorr in-numru L00160129. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ma huwa misteru xejn peress illi n-numri in kwistjoni huma n-numri tal-*evidence bags*. Fil-fatt id-dokumenti li ngħataw il-Kodiċi tal-Laboratorju 177_14_04 (sustanzi) u 177_14_07 (*crusher*) ukoll iġorru numri differenti (M00575144 u S00166697 rispettivament). Jekk wieħed jerġa' jara l-Laboratory Form 1 *a retro*, isib illi l-*evidence bags* ingħataw "Exhibit No." minn P.C. 910 – 14 BKV 201, 14 BKV 202, 14 BKV 203 A1, 14 BKV 203B, 14 BKV 203C, 14 BKV 203D u 14 BKV 204, id-dokumenti li ġew mgħoddija lill-espert forensiku.

**18.** F'dawn iċ-ċirkostanzi ma tara li la kien hemm u lanqas ma hemm ebda neċessita` li jinstema l-espert forensiku Godwin Sammut.

**19.** Peress illi fir-rikors ta' appell issir referenza għall-kwistjoni tal-purita` tar-raża tal-cannabis maqbuda f'dan il-każ, u cioe` purita` ta' 9.5% (u li l-ewwel Qorti fil-fatt ddeskrivietu bħala livell "normali"), f'dar-rigward se ssir referenza għan-National Report on the Drug Situation in Malta 2015 imhejji mill-Malta National Focal Point on Drugs and Drug Addiction. F'dan ir-rapport insibu hekk:[9]

> "During 2014, the purity levels of Cannabis resin showed a percentage increase to 7.25% against the 6.5% for 2013, but still a small reduction over 2012 (7.5%) and cannabis herb is reported at 7.0%, a percentage increase over 2013 (6.0%), still a decrease over 2012 year (7.5%) but in real terms stable over the period."

Kull kumment ikun superfluwu.

**20.** Din il-Qorti ma tistax ma tikkumentax illi r-raża tal-cannabis hija waħda mid-drogi perikolużi kontrollati mill-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Hi waħda minn dawk id-drogi li dwarha hemm letteratura li tiddeskrivi l-perikoli u konsegwenzi derivanti mill-abbuż tagħha, konsegwenzi fiżiċi, mentali, psikoloġiċi, mediċi u soċjali.[10] Għalhekk, ikkunsidrat li l-ammont ta' droga

---

[9] Paġna 25. Dan ir-rapport ġie ppubblikat fl-2016 mill-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta` Soċjali u *co-funded* mill-EMCDDA.

[10] Ara f'dar-rigward, per eżempju l-istudju (ippubblikat l-ewwel darba *online* fis-7 ta' Ottubru 2014) tal-Professur Wayne Hall mill-Universita ta' Queensland intitolat "What has research over the past two decades revealed about the adverse health effects of recreational cannabis use?" fejn jikkonkludi: "The epidemiological literature in the past 20 years shows that cannabis use increases the risk of accidents and can produce

f'dan il-każ huwa wieħed sostanzjali (18,225.4 grammi) u li l-valur fis-suq huwa ta' mijiet ta' eluf ta' euro, m'hemmx dubju li l-ħsara li kienet se tagħmel li kieku d-droga ma ġietx interċettata kienet se tkun sostanzjali wkoll.

**21.** Imbagħad, bħalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Basam Mohamed Gaballa Ben Khial**, mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta fid-19 ta' Frar 2004: **"fejn si tratta ta' traffikar tad-droga (inkluża importazzjoni) l-element tad-deterrent ġenerali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha żżomm f'moħħha fil-għoti tal-piena, basta, s'intendi, li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fattispeċi partikolari tal-każ u l-piena erogata (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem*)."** Fil-fatt f'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem**, intqal: **"Ma hemmx dubbju li l-element ta' deterrent, speċjalment fil-każ ta' reati premeditati (a differenza ta' dawk li jiġu kommessi "on the spur of the moment") hi konsiderazzjoni leġittima li Qorti tista', u ħafna drabi għandha, iżżomm quddiem għajnejha fil-għoti tal-piena…. S'intendi, hemm dejjem l-element tal-proporzjonalita`: qorti ma tistax, bl-iskuża tad-"deterrent", tagħti piena li ma tkunx ġustifikata fuq il-fatti li jirriżultaw mill-provi."**

**22.** Apparti dan kollu, din il-Qorti tqis li l-appellant ma kien ta' ebda għajnuna lill-Pulizija la sabiex jinqabad min ipprovda d-droga (u allura hemm kien jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta) u lanqas sabiex jinqabad/jinqabdu d-destinatarju/i tad-droga. Il-problemi tal-familja li jirreferi għalihom lill-uffiċjal tal-*probation*, l-appellant kellu jaħseb fihom qabel ma daħal għal din l-avventura kriminali. Għallinqas il-fatt li rrejalizża xi żball għamel huwa fattur pożittiv li jawgura tajjeb għal meta jkun skonta l-piena ta' priġunerija.

**23.** Meqjusin dawn iċ-ċirkostanzi kollha, din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi waħda proporzjonali għall-fattispecie tal-każ u ma ssib l-ebda raġuni biex tiddisturba l-mod kif l-ewwel Qorti eżerċitat d-diskrezzjoni tagħha meta ddeterminat l-*quantum* tal-piena.

**24.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan li l-perijodu għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali u l-perijodu li fih l-Avukat Ġenerali għandu jindika b'nota jekk id-droga esebita hijiex

---

dependence, and that there are consistent associations between regular cannabis use and poor psychosocial outcomes and mental health in adulthood." http://onlinelibrary.wiley.com/doi/10.1111/add.12703/pdf

meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni għandhom jibdew jiddekorru millum.